**Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Erbgħa u Tletin Laqgħa (34) tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru, 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fil-5.37 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 6.50 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 6.50 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 6.50 p.m . |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 6.50 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | Imsiefer | |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 6.50 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.37 p.m. | 6.50 p.m. |
| Kunsillier Raymond Bartolo | 5.40p.m. | 6.50p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | Skużat | |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta'Xoghol.**

4.01 **Rendikont ta' Dħul ta' Fondi.**

Ġiet approvata il-lista ta' dħul ta' fondi tal- Kunsill għax xahar ta' Ottubru 2010 kif ippreżentata.

4.02 **Rendikont ta' Pagamenti**

Ġiet approvata l-lista ta' pagamenti kif ippreżentata.

4.03 **Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol**

Ġiet approvata l-lista kif ippreżentata.

**5.00 Dawl Dekorattiv u Attivitajiet Relatati mal-Festi tal-Milied 2010**

5.01 Ġie deċiż li din is-sena jsir tiżjin bil-bozoz fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, l-istess kif sar is-sena l-oħra mill-Knisja Parrokjali sa quddiem il-Kunsill. Isir marċ bill-banda ddur mat-toroq tar-raħal u ħarġa ta' viżta ta' presepji.

**6.00 Pubblikazjoni Ta' Magazin u Ġbir Ta' Reklami**

6.01 Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera kollha jibagħtu l-artiklu tagħhom għall-pubblikazzjoni fil-magazin. Dan irid jintaght mhux aktar tard mis-Sibt, 23ta' Novembru, 2010.

6.02 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċeva proposta mingħand is-Sur Tony Muscat sabiex jigbor ir-reklami għall-magażin. Dan għandu jitqabbad bi prova għall-ewwel *issue* tal-magażin u wara tinħareġ sejħa pubblika. Il-prezzjiet kienu ġew iffissati mill-amministrazjoni tal-Kunsill b'kummissjoni ta' 15% lis-*salesperson*. Meta dawn ġew ippreżentati lis-Sur Muscat, dan issuġġerixxa li l-prezzijiet tar-reklami jiżdiedu u tiżdied il-kummissjoni għal 20% u xorta l-Kunsill ikollu introjtu akbar. Saret diskussjoni dwar kemm il-prezzijiet huma realistiċi għaliex dawk proposti mis-Sur Muscat kienu għaljin wisq. Gie approvat li s-Sur Muscat jipprova jbiegħ ir-riklami bil-prezzijiet kif proposti minnu u jekk dan ma jirnexxix is-

Sindku għandha tiddeċiedi hi kemm l-aħjar ikunu l-prezzijiet u l-kummissjoni. Dan ġie approvat unanimament.

**7.00 Applikazzjoni għal European Social Fund (ESF)**

7.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, infurmat li l-Kunsill kien ser japplika għall-fondi tal-Ewropa taħt il-program tal- ESF u l-applikazjoni trid issir mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2010. Il-proposta oriġinat mill-Kunsillier Peter Abela u għalhekk talbet lis-Sur Abela jispjega fil-qosor il-kunċett tal-applikazjoni.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li qiegħed jiġi propost li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar ikun il-Lead Partner u jkollu miegħu lill-GRTU, UHM, U MHRA bħala partners lokali filwaqt li qed isir sforz biex jinstabu partners oħra minn pajjiżi barranin. Is-Sinjorina Sharon Farrugia mill-MEUSAC kienet qed tgħin lill-Kunsill f'din l-applikazjoni filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku kienu qed jikkordinaw ix-xogħol kollu. Saru diversi laqgħat u jidher li kollox kien miexi sew.

Is-Sur Abela fisser li l-idea kienet li dawk il-persuni li huma mill-lokalita’ ta' San Pawl il-Baħar u/jew jaħdmu f'din il-lokalita’ jingħataw *korsijiet* b'diversi suġġetti, bħal ma huma, ICT, Lingwi, Hospitality u Customer Care, Local Heritage u Cultural Information. Hemm il-ħsieb ukoll li dawk li jispiċċaw il-program b'suċċess jinstabilhom ukoll *placement* għal ftit taż-żmien ma' xi lukandi jew ażjendi oħra fejn ikunu jistgħu jipprattikaw dak li jkunu tgħallmu. Billi San Pawl il-Baħar huwa sinonimu mal-industrija tat-turiżmu, dan il-programm ser ikun l-aktar marbut ma' din l-industrija f’diversi servizzi li jmissu ma' din l-industrija u li toffri impjiegi lil mijiet ta' ħaddiema mil-lokalita' tagħna. B'din l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali huwa maħsub li togħla l-kwalita’ ta' servizz li jagħtu dawn il-ħaddiema u fl-istess ħin tkun ta' benefiċċju wkoll għall-prodott turistiku Malti inġenerali.

Il-Kunsillier Abela qal li jekk din l-applikazjoni tiġi aċċettata, il-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja jkun ta' 85% filwaqt li l-kofinanzjament mill-Kunsill jkun ta' 15%. Il-kunsill ikun jista' japplika mad-Dipartiment għall-għotja ta' 30% min dan il-kofinanzjament.

Il-Kunsill approva unanimament li issir din l-applikazzjoni.

**8.00 Nominazzjoni Ta' Perit Tekniku għall-Evalwazzjoni tas-Sejħa Għall-Offerti -SPBLC03/2010 (*Refurbishing/Construction Works Of Roads at St Paul's Bay In Connection With The Public Private Partnership (PPP) Scheme).***

8.01 Wara diskussjoni ġie deċiż li l-kumpanija tal-periti DTR li għandhom il-kuntratt ta' servizz ta' perit lill-Kunsill jintalbu jaħtru perit differenti minn dak li s-soltu jagħti s-servizz lill-Kunsill u li għamel l-istejjem għal dawn it-toroq (i.e. Il-Perit Etienne Magri) biex jevalwa u jissottometti rapport dwar l-erbgħa offerti li rċieva l-Kunsill u wara dan ir-rapport jgħaddi għand il-kumitat tal-evalwazjoni tat-tenders biex dan jirrakkomanda lill-Kunsill u jiġi magħżul il-kuntrattur biex isir ix-xogħol tat-Toroq taħt l-Iskema tal-PPP skont il-kundizzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment.

**10.00 Kwotazzjonijiet - *Photocopier, Computer/Laptop.***

10.01 Ġie approvat li s-Segretarju Eżekuttiv jagħmel sejħa għal xiri ta' *photocopier mono colour* ġdida għall-Kunsill.

10.02 Ġie approvat li jinxtara *Laptop* ġdid għall-użu tas-Segretarju Eżekuttiv li sa issa kien qed juża *Laptop* tiegħu personali u li issa għandu l-ħsara. Dan jista' jsir *b'direct order* wara li tittieħed konsiderazzjoni ta' *specifications* li hemm bżonn jkollu dan il-*Laptop* ġdid.

**11.00 Approvazzjoni ta' Ingaġġ ta' Skrivana.**

11.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, talbet u ġie approvat unanimament l-ingaġġ fuq bażi ta' *indefinite contract* tas-Sna. Anna Vassallo wara r-rakkommandazzjoni tal-intervistata mill-Kumitat maħtur apposta li għamel intervista lis-Sna Vassallo. Ġie approvat li jkollha sitt xhur *probation period* u li tkun tista' taħdem fuq bażi ta' erbgħajn siegħa (40) fil-ġimgħa iżda tkun tista' tieħu il-*vacation leave* tagħha fuq bażi ta' siegħa siegħa matul il-ġranet tal-gimgħa b'mod li tkun tista titlaq qabel mill-ħin normali tax-xogħol. Dawn is-siegħat anqas ta' xogħol jinqatgħu mill-vacation leave tal-impjegata u dan bi ftehim magħha u wara li hija talbet għall-

impjieg *b'reduced hours* fl-applikazjoni. Dan l-impjieg jibda jseħħ wara li jiskadi l-kuntratt definittiv tas-Sna. Vassallo.

12.**00** **Aġġornamenti Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li l-Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għal dan ix-xahar kien għada ma saritx u għalhekk ma kienx hemm x'jirrapporta.

**13.00** **Aġġornamenti**

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, talbet lill-Kunsilliera kollha sabiex fil-ħin tal-Aġġornamenti ma jsirx diskors jew talbiet ta' natura ta' lmenti. Dawn għandhom jiġu rriferuti biss lill-Amministrazzjoni u jinġabu għall-attenzjoni tal-Laqgħa tal-Kunsill jekk jkun hemm xi diffikulta' u/jew jekk dawn l-ilmenti ma jiġux riżolti mill-Amministrazzjoni għas-sodisfazzjon tal-Kunsillier involut.

Is-Sindku, il-Perit Grażiella Galea, talbet ukoll li l-Aġġornamenti tal-Kunsilliera jkunu fil-qosor kemm jista' jkun għaliex kien hemm il-ftehim li l-Laqgħa taġġorna kmieni minħabba impenji oħra ta' bosta kunsilliera u b'hekk jiġi evitat li jaqa' il-*Quorum* u tiġi sospiża l-Laqgħa.

13.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li dwar il- kuntratt ta' tindif tal-latrini, kienet saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kunsilli, is-Sur Martin Bugelli, u dan kien tal-parir li dan il-kuntratt għandu jitwaqqaf fl-aħħar tas-sena a bażi tal-klawsola li hemm fill-kuntratt li tgħid li dan il-kuntratt jista' ma jiġix imġedded. Is-Sindku spjegat li meta hija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkelmet mal-avukat tal-Kunsill, Dr. John Bonello, dan qal li f'każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded mingħajr raġuni valida ta' xi nuqqasijiet min naħa tal-kuntrattur, il-Kunsill jista' jkun xorta waħda suġġett ħlas ta' danni jekk jiġi mfittex legalment.

Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li huwa jrid ikun żgur li l-Kunsill huwa legalment korrett f'dak li jiddeċiedi li jagħmel fuq dan il-każ.

Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni dwar x'azzjoni għandha tittieħed.

13.02 Il-Kunsillier Alex Bezzina qal li fuq talba ta' xi residenti huwa xtaq jitkellem fuq is-sitwazjoni ta' Triq Piscopo Macedonia.

Is-Sindku fakkret lill-Kunsillier Bezzina li dan kien każ ta' ilment u kif kienet qalet fil-bidu tal-Aġġornamenti dan ma kienx il-lok fejn għandhom isiru ilmenti.

F'dan l-istadju l-Laqgħa ġiet sospiża għal ħmistax il-minuta (bejn is- 6.20 u s-6.35) minħabba xi interruzjonijiet u interventi min naħa ta' membru tal-pubbliku.

Meta kompla il-Kunsillier Bezzina, dan semma każ ta' linji tal-parking quddiem Piscopo Cash and Carry flimkien ma' xi lmenti oħra.

Is-Sindku għal darb'oħra ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Bezzina li dawn ukoll kienu każi ta' lmenti u għalhekk għandhom iġibu għall-attenzjoni tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

13.03 Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa kien għamel laqgħa mad-Direttur tal-kumpanija 'SunSource' dwar il-possibilita' ta' sinjali tat-traffiku li jindikaw li kien hemm *zebra-crossing* u fost id-diversi mudelli li kienu *available*, huwa kien qed jipproponi li jitwaħħal bi prova sett ta' tabelli li huma l-irħas u li bħalhom kien waħħal il-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Ġie approvat unanimament li dawn it-tabelli solari jiġu ordnati.

13.04 Il-Kunsillier Abela talab ukoll li jinbidlu sinjali ta' *double yellow lines* ma' *single yellow line* quddiem żewġ ħwienet ta' l-istess sid sabiex dan jkun jista jipparkja u jiġbor il-cash. Minnħabba n-natura tax- xogħol tiegħu, dan is-sid jinħtieġlu jiġbor il-cash mill-ħwienet tiegħu regolarment. Il-Kunsill aċċetta li din it-talba tiġi ikkonsidrata u talab lill-Kunsillier Abela jgħaddi l-isem u l-indirizz ta' dawn il-ħwienet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex din it-talba tiġi mogħddija lil Transport Malta.

13.04 Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li għandu jgħaddi *site-plan* ta' *planters* ta' quddiem il-Big Ben fil-Qawra sabiex jiġi vverifikat jekk dawn kienux fuq art privata jew pubblika.

13.05 Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li għalkemm kien għadha ma saritx Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad huwa xtaq jinforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal- Kunsilli Lokali kien laqgħa t-talba tal-Kumitat u ingħata s-somma ta' 20,000 Euro li minnhom kienu diġa ġew 10,000 Euro bill-quddiem. Dawn il-fondi ser jintużaw għall-proġetti żgħar ta' tisbiħ f'Burmarrad u l-Wardija.

Waqt l-Aġġornamenti l-Laqgħa kellha tiġi sospiża għal ftit minuti oħra minħabba interruzzjonijiet minn membru ieħor tal-publiku.

**14.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Fis 6.50p.m. il-laqgħa aġġornat għal nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2010 fil- 5.30 p.m.

-------------------------- ----------------------------------------

Il-Perit Graziella Galea
Sindku

Segretarju Eżekuttiv
John J. Camilleri

14 ta’ Diċembru 2010 Ref: 55 / 1322 / 10 / OCZ